MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 6 ta' Settembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**
**(Spettur Alfredo Mangion)**

**vs**

**Mihail Lupu (ID: IF 604221)**
**Andrei Marin (ID: DD 767445)**
**Ionut-Eduard Moisa (ID: DD 820045)**
**Gheorghe Morarescu (Passaport Rumen 052745767)**
**Ioana-Beatrice Budascu (ID: DD 643046)**
**Constantin-Bobii Stroica (ID: DD 741870)**
**Alexandru-Gabriel Stroica (ID: DD 884480)**
**Laura-Alexandra Cercelaru (ID: DD 768357)**
**Alexandru-Constantin Enache (ID: DD 638377)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Mihail Lupu, Andrei Marin, Ionut-Eduard Moisa, Gheorghe Morarescu, Ioana-Beatrice Budascu, Constantin-Bobii Stroica, Alexandru-Gabriel Stroica, Laura-Alexandra Cercelaru u Alexandru-Constantin Enache** talli nhar l-4 ta' Settembru 2018 u fil-jiem ta' qabel din id-data fi Triq ir-Repubblika, Belt Valletta u f'dawn il-Gzejjer:-

1. Operaw, ippromovew, biegħu, jew ipparteċipaw fi, jew b'xi mod li jkun, għenu jew ħajru l-operat, promozzjoni jew bejgħ ta' logħba mhux

awtorizzata;
*Art. 6(a) u (b) tal-Kap. 438 tal-Liġijiet ta' Malta*

2. U aktar talli, ġewwa fond li ma kellux liċenzja taħt dan l-Att jew taħt l-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor jew bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull regolament magħmul taħt dan l-Att jew bi ksur ta' xi kundizzjoni imposta f'xi liċenzja maħruġa taħt dan l-Att, ħadu sehem f'xi logħba ta' sogru li tintlagħab għall-flus jew valur ta' flus; jew ippermettew l-użu ta' xi post għal, jew inkoraġġixxew, dik il-logħba; jew għalkemm ma kienux qegħdin jieħdu sehem f'xi logħba illegali, kienu sieħba ta' xi ġugatur f'xi logħba bħal dik; jew li kienu preżenti fil-waqt li kienet qiegħda ssir xi logħba bħal dik;
   *Art. 46 tal-Kap. 400 tal-Liġijiet ta' Malta*

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ħlief kif permess bil-liġi, u kemm-il darba xi liġi oħra ma tipprovdix għal piena ogħla għar-reat, għamlu jew ipprovaw jagħmlu jew b'xi mod kellhom x'jaqsmu mal-għemil ta' xi mħatra magħduda mħatra li għandha x'taqsam ma' xi logħba, sport jew ġrajja f'Malta jew xi mkien ieħor; jew kienu preżenti f'xi post fejn kienet qed issir xi mħatra bħal dik;
   *Art. 338(ii) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

F'każ ta' ħtija, il-Qorti giet mitluba sabiex b'żieda ma' kull piena taħt xi disposizzjoni oħra tal-Att dwar il-Logħob, tordna li l-flus u l-oġġetti kollha li jkunu rrappreżentaw il-ġugati kif ukoll l-istrumenti u l-oġġetti li jkunu ġew użati fil-logħob jiġu konfiskati favur il-Gvern ai termini tal-Art. 46(2) tal-Kap 400 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonjiet kollha migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkonsidraw il-pozizzjoni taghhom u wissiethom dwar il-piena li tista' tigi inflitta fuqhom;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Dwar il-piena, il-Qorti semghet lid-difiza tiddikjara illi l-piena idoneja ghandha tkun wahda ta' multa stante li l-imputati huma barranin u ma kinux jafu li ma

kienx permess loghob tal-azzard hawn Malta. Illi l-Qorti ma taqbilx li l-piena inflitta ghandha tkun wahda pekunjarja, anke jekk il-minimu ta' tali piena huwa ta' sebat elef ewro (€7,000). Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi permezz ta' din is-sentenza ghandha tghaddi messagg illi jekk wiehed jaghzel li jigi hawn Malta, huwa jrid jaderixxi ruhu mal-ligijiet nostrani. Dak li jista' jkun lecitu f'pajjizi esteri mhux necessarjament huwa lecitu u legali hawn Malta. Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-opinjoni illi ghandha tinghata piena karcerarja anke jekk din tkun wahda minima.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikolu 6 (a) u (b) tal-Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta, artikolu 46 tal-Kapitolu 400 tal-Ligijiet ta' Malta u artikolu 338 (ii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara lil **Mihail Lupu, Andrei Marin, Ionut-Eduard Moisa, Gheorghe Morarescu, Ioana-Beatrice Budascu, Constantin-Bobii Stroica, Alexandru-Gabriel Stroica, Laura-Alexandra Cercelaru u Alexandru-Constantin Enache** hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u tikkundanna lil kull wiehed u wahda minnhom ghal perjodu ta' tliet (3) xhur prigunerija.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha elevanti minn fuq l-imputati ad ecezzjoni tal-ammont ta' erba' mija u hmistax-il ewro (€415) u tliet mija u hamsin ewro (€350) li ghandhom jigu ritornati mill-Pulizija lil Nicola Medic u Stefan Milenkovski rispettivament.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur